MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 570/2011

**Go plc**

**vs**

**Real Homes (Malta) Ltd – C40257**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Lulju 2011, fejn intalab li l-s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija, tlieta u disghin Euro sebgha u hamsin centezmi (€793.57c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, s-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, tlieta u disghin Euro sebgha u hamsin centezmi (€793.57c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------